

- fil-każ li l-Qorti Ĝeneralni tikkunsidra li huwa inevitabbi li ssir analiżi ddetjaljata oħra tal-fatti u l-provi tal-każ, tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-konvenut u tibgħat lura l-każ lill-UASI għal eżami ulterjuri u deċiżjoni ġidida;
- tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva “Cola” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 32 u 35 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 507 963

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* regiestrazzjonijiet tat-trade mark Komunitarja Nru 8 792 475, Nru 2 107118 u Nru 8 709 818 tat-trade mark figurattiva “Coca-Cola” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 30, 32, 33 u 35

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

### **Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2013 — Pannon Hőerőmű vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-352/08) <sup>(1)</sup>

(2013/C 260/91)

Lingwa tal-kawża: l-Ungerbij

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 285, 08.11.2008.

### **Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Lulju 2013 — SK Hynix vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-148/10 u T-149/10) <sup>(1)</sup>

(2013/C 260/92)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża magħquda.

<sup>(1)</sup> ĠU C 148, 05.06.2010.